**27 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmela Galea

**Ħabi ta' Twelid — Tarbija — "Child" — Art. 254 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tikkontempla d-delitt ta' mara li tiled tarbija u tidfen bil-moħbi l-katavru tagħha, jew tagħmel minnha xort'oħra biex tfittex li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija.*

*Taħt il-kelma "tarbija" — "child" — għandu jiftiehem anki "feto", basta li jkun laħaq ħa għal kollox l-għamla ta' bniedem, apparti dak li jiġri lil dan il-"feto" wara li jkun inħeba.*

*U ma hemm ebda raġuni biex wieħed jiddistingwi bejn katavru ta' tarbija li tkun twieldet ħajja u katavru ta' tarbija li tkun twieldet mejta.*

*Hu veru li l-ħabi tat-tarbija jrid ikun minn kulħadd in ġenerali, u mhux minn xi individwu partikulari biss; u ma jridx ikun momentaneu; imma lanqas irid ikun finali u permanenti b'mod assolut. Kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, biex minnhom issir l-indaġni jekk l-imputata riedetx taħbi t-twelid tat-tarbija billi tiddisponi minnha segretament.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tat-13 ta' April 1959, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli f'Birkirkara, fix-xahar ta' Novembru 1958, meta twieldetilha tarbija, għamlet b'mod li bih fettċet li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija, kontra l-art. 254 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12);

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April 1959, li biha sabet lill-imputata ħatja fit-termini tal-akkuża, u kkundannatha sitt xhur priġunerija;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata u li hi tiġi liberata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-imputazzjoni hi taħt l-art. 254 Kod. Kriminali, li jgħid hekk:— "Jekk mara li tiled tarbija, billi tidfen bil-moħbi l-katavru tagħha jew tagħmel minnu xort'oħra tfittex li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija, teħel eċċ. eċċ.";

Fl-Annotazzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali ma hemmx indikata l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni. Id-dispożizzjoni immedjatament ta' qabilha, taħt l-istess sub-titolu, ġiet modellata fuq l-art. 394 tal-Codice delle Due Sicilie, imma ebda dispożizzjoni analoga għal dik tal-art. 254 fuq im-

semmi ma hemm f'dan il-Kodiċi. Aktarx li l-kompilaturi kellhom quddiemhom il-leġislazzjoni ngliża. Hu ċert li minn xi osservazzjonijiet li hemm fir-Rapport ta' Andrew Jameson dwar il-Proġett tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm mhux preċiżament għar-rigward ta' dan l-artikolu, imma ta' oħrajn "eiusdem generis", jidher li l-kompilaturi kienu preokkupati li jissalvagwardaw "inter alia" d-dispożizzjonijiet ta' l-Istat Ċivili, u riedu b'sanzjonijiet kriminali jirrafforzaw l-obligi relattivi. Hekk, għar-rigward tad-dispożizzjoni ta' dak li allura kien l-art. 233 (il-lum 261), Jameson qal (pp. 122-123 tar-Rapport):— "The provision in art. 233 savours of over-legislation, but may be necessary to enforce the civil law as to registration of births . . . . ." U qabel p. 66, kien qal li:— "A wise administration may find it requisite to enforce the law of registration of births . . . . . . ";

Dan ir-rifless hu ta' valur mhux dubju fl-interpretazzjoni u studju, jekk mhux eżeġetiku, almenu etioloġiku talart. 254 fuq imsemmi;

Id-difiża ssollevat bħala motivi ta' aggravju diversi mezzi defensjonali, li jeħtieġ li jiġu eżaminati;

Intqal li l-kelma "child" fit-test ingliż ("tarbija" fittest malti) ma tikkomprendix "feto". F'dan il-każ preżenti si trattava ta' "feto" li kien wasal qrib it-tletin ġimgħa tal-ġestazzjoni, li kien vjabili, għalkemm ma kienx vitali fis-sens li ma kellu qatt ħajja extra-uterina ndipendenti, u l-mewt ta' dan il-"feto" ma kienetx ilha li avverat ruħha meta sar il-"parto"; intiża l-kelma "mewt" fis-sens ta' dak il-mument meta l-"feto" tilef il-kapaċità li jista' jkollu ħajja ndipendenti extra-uterina;

Issa, jidher loġiku mix-xorta tad-dispożizzjoni kif fuq spjegata, indubbjament konnessa mad-dispożizzjonijiet tal-liġi ċivili dwar l-Istat Ċivili, illi, anki, se non altro, bilkliem operattivi tal-artikolu "tfittex li taħbi t-twelid ta' dik it-tarbija", il-ġudikant jirrikorri għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili in materja, u żgur li l-attijiet tal-Istat Ċivili japplikaw f'każ ta' abort, kif kien dan il-każ, krimi-

nożament prokurat jew le (ara xhieda tal-Prof. Zammit fol. 25), fis-sens li għandu jiġi redatt att tat-twelid anki f'każ ta' "feto"; basta li dan ikun ħa għal kollox il-għamla ta' bniedem (art. 317(3) Kap. 23 Ediz. Riv.). Issa, mill-eżami "post mortem" kondott mit-tobba nominati għal hekk mill-Maġistrat, u mill-viżjoni "ictu oculi" tal-fotografiji eżibiti, jirriżulta li dan il-"feto" kien assuma kompletament il-forma umana, apparti, s'intendi, dak li ġara wara per opera ta' injoti, ċjoè l-amputazzjoni tal-arti inferjuri bi strument taljenti, u salvi xi leżjonijiet kaġunati, aktarx minn xi annimal, aktarx xi qattus, li kaxkar il-"feto" mnejn kien ġie mitluq;

Fid-dikjarazzjoni tagħha, fol. 40, l-imputata stess qalet li t-tarbija, meta telqitha hi, kienet, biex wieħed juża kliemha stess, "sħieħ bis-saqajn ukoll". Għalhekk wieħed għandu jikkonkjudi li fil-kelma "child", ossija "tarbija", għandu jiġi, għall-finijiet tal-art. 254 Kap. 12, kompriż il-każ attwali, ċjoè ta' *"feto"* li kien assuma ġa kompletament il-forma umana;

Ma hemm ebda raġuni lanqas li wieħed jiddistingwi bejn katavru ta' tarbija li tkun twieldet ħajja u katavru ta' tarbija li tkun twieldet mejta. Il-liġi ċivili rilevanti għal dan il-każ ma tiddistingwix, għaliex anki fil-każ ta' "still born child" teħtieġ dejjem ir-reġistrazzjoni;

Id-difiża rrilevat ukoll li ma hemmx fil-każ in ispeċje dik li *fis-sistema ngliż tissejjaħ "secret dispositoin"*, ċjoè f'dan ir-reat li f'dak is-sistema jissejjaħ "Concealment of Birth" (ara Kenny, p. 145, 1945 edition). Għandu jiġi osservat, l-ewwelnett, illi l-liġi tagħna tuża l-kliem "by secretly burying, or otherwise disposing of the dead body of the child". Jidher loġiku li l-kelma "secretly" tiġi nterpretata li tiggoverna anki l-kelma "disposing", u mhux biss il-kelma "burying"; fil-liġi ngliża, infatti, u fl-awturi, tintuża l-espressjoni "secret disposition";

Issa, hu veru li dan il-"concealment" għandu jkun, kif jingħad, "from the world in general", u mhux minn xi individwu partikulari biss (Kenny, loc. it.). Hu veru wkoll

li din id-"disposition" ma tridx tkun momentanea, bħal meta t-tarbija tkun fuq is-sodda tal-mara u din tgħattiha momentaneament, b'xi dublett jew xi ħaġa oħra, biex għall-mument ma jaraħiex pulizija li jkun qed jinvestiga l-każ (ara eżempju ċitat fl-Archbold, p. 997, para. 2609, 1959 edition). Iżda lanqas hemm bżonn li tkun finali u permanenti f'sens assolut (ara Archbold, loc. ċit., u ż-żewġ każi ċitati Rex v. Perry u Rex v. Goldthorpe);

Issa, f'dan il-każ, hemm dawn iċ-ċirkustanzi:—

1. L-imputata, mistoqsija minn ħutha, ċaħdet li kienet twieldetilha tarbija. Din iċ-ċaħda, weħeda, tal-volta ma kienetx tkun biżżejjed (R. v. Turner, 8 C. & P. 755); imma hemm anki dawn iċ-ċirkustanzi;

2. X'ħin it-tarbija kienet fil-fliskatur tal-lavatory, l-imputata, "ex confessis", għal darbtejn ippruvat bil-"flushing" tirrimwoviha;

3. Hi obliterat it-traċċi li setgħu jirrivelaw li si trattava mhux ta' mara li kienet marret fil-lavatory għal bżonn naturali, imma ħalli teħles minn tarbija;

4. Meta ma rnexxielhiex tiddisponi mit-tarbija fid-"drainage" tal-lavatory, hi ħbietha wara t-"threeply" li kien hemm mal-ħajt fil-kuritur tal-"emergency exist". li jkun imsakkar. Dan kien post li fih aktarx (kif indubbjament intendiet l-imputata) it-tarbija ma kienetx tinstab għal xi żmien, sakemm l-istess tarbija ssir irrikonoxxibbli, u sakemm isir irreperibbli minn wilidha;

Fil-każistika ngliża (ara Russell, On Crime, p. 656) ġie ġudikat "secret disposition" il-fatt ta' waħda li ħalliet il-katavru tat-tarbija fuq ħajt erbgħa piedi u nofs għoli bil-beraħ bejn bitħa u għalqa, liema bitħa kienet ta' ħanut tax-xorb u aċċessibbli minn passaġġ;

Kollox jiddependi, kif josserva r-Russell, miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ (loc. ċit., p. 656); u Lush J., fil-kawża R. v. Cook (1870), Cox 542, osserva li "all the

attendant circumstances must be taken into consideration". F'dan il-każ, il-kumpless tal-provi juri li l-imputata riedet taħbi t-twelid tat-tarbija billi tiddisponi minnha segretament, kif għamlet;

Id-difiża ssollevat ukoll il-pont jekk lill-imputata għandhiex tingħata l-iskużanti tad-disturb mentali, bħal fil-każ ta' infantiċidju. Hu ovvju, però, li l-ġudikant ma jistax joħloq il-liġi u jintroduċi fiha dak li ma hemmx. Del resto, il-piena hi tali li turi "per sè" *li l-leġislatur ġa kkunsidra* b'xi mod din iċ-ċirkustanza; u dippjù hemm il-latitudini, biex tiġi adegwata l-piena minn każ għal każ;

Jista' anki jiġi osservat, minħabba xi riljevi oħra li saru mid-difiża, li, għalkemm hu veru li, mentri fil-ġurisprudenza antika ngliża kien hemm dan ir-reat anki jekk si trattava ta' "foetus not bigger than a man's fingers but having the shape of a child", il-lum hemm il-"Birth and Death Registration Act, 1926", li ma jimponix ir-reġistrazzjoni meta l-"feto" jkun biss ta' tmienja u għoxrin ġimgħa. Apparti li f'dan il-każ il-"feto" kien ta' tletin ġimgħa, għandu jiġi osservat li fil-liġi tagħna dwar ir-reġistrazzjoni (il-liġi li għandha tiġi osservata) hu reġistrabbli l-abort ta' "feto" li jkun "completely assumed the human form", u għalhekk ma hemmx fil-liġi tagħna kwistjoni ta' limiti partikulari tad-durata ta' ġestazzjoni, imma biss ta' interpretazzjoni ta' dawn il-kliem;

Kwantu għall-invokata applikazzjoni tal-art. 23(1)(a) Kap. 12, din il-Qorti ma tħossx li r-reat u ċ-ċirkustanzi tiegħu huma tali li jimmeritaw dak il-favur;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti, in vista tal-informazzjoni mogħtija mid-difiża li żewġ l-imputata hu dispost jaħfrilha r-relazzjoni pekkaminuża li kellha, u tal-fatt li hemm tfal tagħha leġittimi li jattendu l-kuri ta' ommhom mill-aktar fis, u in vista tas-suspett, aċċennat mit-tobba fit-tarf tar-relazzjoni tagħhom fol. 22, li seta' kien hemm xi ħadd li inċita lill-imputata bil-konnivenza tiegħu, jidhrilha li hu l-każ li tirriduċi l-piena għall-minimum;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi fil-meritu tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; b'dan, però, li l-piena irrogata, f'lok għal sitt xhur, tkun għal erbgħa xhur.